MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Numru 17/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**<u>Matthew Zarb</u> ta' 25 sena, iben Vincent u Frances nee` Mifsud, imwieled Pieta` nhar il-5 ta' Jannar 1988 u residenti 41, 'Casa Lourdes', Triq Tumas Fenech, Birkirkara u/jew 'Ruthden', Triq il-Vitorja, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 41788M; u**

**<u>Franklin Orsini</u> ta' 21 sena, iben Renald Vella u Michlin Orsini, imwieled Pieta` nhar il-21 ta' Ġunju 1992 u residenti 90, 'God Bless', Triq il-Gross, Marsaskala u/jew Ent 4, Flat 3, Triq Mary Carters, Fgura, detentur tal-karta tal-identita`bin-numru 330492M; u**

**<u>Mark Anthony Bartolo</u> ta' 37 sena, iben Anthony u Maria Dolores nee` Attard, imwieled Pieta` nhar is-7 ta' Frar 1976 u residenti Blk N, Flat 1, Triq iż-Żnuber, Santa Luċija, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 187876M;**

**<u>Mason Nehls</u> ta' 19-il sena, iben Michael u Rita nee` Abela, imwieled Pieta` nhar il-15 ta' Settembru 1993 u residenti 'Camel Flts', 2, Triq Hurds Bank, Zonqor Point, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 416593M; u**

**<u>Duncan Caruana</u> ta' 26 sena, iben Joseph u Anna nee` Schembri, imwieled Pieta` nhar l-10 ta' Ġunju 1987 u residenti Nru 5, Triq Sant'Anna, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 265087M.**

**Sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ta' Franklin Orsini.**

Il-Qorti

Rat l-att tal-akkuza pprezentat mill- Avukat Generali li jghid hekk :

1. Illi fit-18 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi kien ser isir negozju tad-droga illegali ġewwa Triq Joseph Burlo, Ħal-Tarxien għal ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (6 :00pm), liema negozzjati kienu ser jinvolvu diversi persuni. Dawn il-persuni effettivament ġew interċettati u arrestati fuq il-post wara li inqabdu *in flagrante delicto* fil-kors ta' dawn in-negozzjati lleċiti u rriżulta li fost dawn kien hemm Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana qua l-ko-akkuzati f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel din id-data, il-ko-akkużati Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana, iddeċidew illi jibdew imexxu u jittraffikaw fid-droga *Ecstacy* (MDMA). L-akkużati kienu miftehmin bejniethom u ma persuni oħra ġewwa pajjizna sabiex jakkwistaw u jittraffikaw d-droga *Ecstacy* (MDMA), għal liema aġir l-akkużati kienu ser jitħallsu ammonti konsiderevoli ta' flus kull wieħed. Illi in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel bejn il-ko-akkużati msemmija, kif irriżulta anki waqt l-osservazzjonijiet li kienu qegħdin isiru fuq il-post mill-pulizija eżekuttiva, il-ko-akkużati

xjentement ftehmu li jiltaqgħu Ħal-Tarxien wara li kienu ftehmu dwar il-modalitajiet tal-bejgħ u tax-xiri tad-droga illegali li instabet fil-pussess tagħhom u dan bl-iskop li minn hemmhekk jgħaddu l-imsemmija droga lil min kien ser jixtriha.

Illi in sostenn ta' dan il-pjan u filfatt waqt l-osservazzjonijiet, rriżulta wieħed mill-ko-akkużati Mason Nehls, li kien fil-pussess ta' basket ta' lewn skur. Ġew osservati wkoll żewġ vetturi tal-għamla Toyota Starlet bin-numru HAT224 u Kia Avella bin-numru KAK321 bin-nies ġo fihom liema vetturi ġew fuq il-post fejn il-ko-akkużat Nehls ġie osservat jirkeb ġewwa vettura minnhom. Ftit tal-ħin wara dawn iż-żewġ vetturi reġgħu tfaċċaw u pparkjaw wara xulxin fejn l-istess ko-akkużat Nehls ġie nnutat ħiereġ mill-Kia Avella u jirkeb ġewwa t-Toyota Starlet f'liema mument ġie eżegwit l-arrest tal-pulizija sabiex isiru l-ispezzjonijiet meħtieġa da parti tagħhom fil-vetturi relattivi u tal-persuni li kienu ġo fihom, qua l-ko-akkużati f'dawn il-proċeduri. Irriżulta filfatt li fit-Toyota Starlet kien hemm Mark Anthony Bartolo u Mason Nehls filwaqt li fil-Kia Avella kien hemm Matthew Zarb, Duncan Caruana, Franklin Orsini kif ukoll persuna oħra li qed tiġi proċessata separatament minn dawn il-proċeduri. Waqt it-tfittxijiet relattivi rriżulta li ġo l-vettura tal-għamla Kia Avella instabet kalzetta ta' lewn griż skur u ġo fiha kien hemm borza tal-plastik kontenenti diversi pillolli bojod suspettati pillolli tal- *Ecstacy*.

Illi meta l-ko-akkużati ġew effettivament arrestati fil-mument tal-interċetazzjoni tagħhom l-akkużati kienu fil-proċess imminenti li jesegwixxu dan il-pjan illeċitu u maħsub minnhom kollha. Madankollu u fortunatament, l-akkużati u d-droga ġiet interċettata qabel ma ġew mgħoddija lil ħaddieħor ġewwa pajjiżna. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet fil-borza tal-plastik moħbija ġewwa l-kalzetta fil-Kia Avella kienet effettivament tikkonsisti mid-droga ecstasy kontenenti s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine* (MDMA) li hija sustanża kkontrollata taħt il-Liġi tagħna, fl-ammont ta' elf pillolla (1000) u ċioe` mediċina psikotropika li titqies bħala sustanża illegali skond il-Liġi tagħna (Tielet Skeda parti A tal-Kapitolu 31) bil-valur kumplessiv ta' madwar disat elef u sitt mitt Euro bħala valur kumplessiv.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana saru ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta (inkluz bejniethom) jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta (*Ecstacy*) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana, ilkoll ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta (inkluz bejniethom) jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ; jitlob li jingħamel skond il-liġi **(i)** kontra l-imsemmija ko-akkużati (a) Matthew Zarb, (b) Franklin Orsini, (c) Mark Anthony Bartolo u (d) Duncan Caruana u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni *proviso* ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), l-Avviż Legali 183/1989 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; kif ukoll u peress li kien għadu minorrenni fiż-żmien il-kummissjoni tar-reat **(ii)** jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-ko-akkużat (e) Mason Nehls u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' mhux iktar minn tletin sena (30) u mhux inqas minn tmien snin (8) u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni *proviso* ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), l-Avviż Legali 183/1989 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 31(1)(a)(b), 37 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi ko-akkużat.

U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom

hemm ikkontemplat il-piena ta′ priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta′ sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta′ sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

2. Illi b′referenza għall-fatti kollha li rriżultaw mill-ewwel Kap ta′ din l-Att tal- Akkuża u ċioe nhar it-18 ta′ Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta′ qabel, irriżulta fil-mument meta′ l-akkużati ġew interċettati huma kienu qedgħin iġorru elf (1000) pillolla tal-*Ecstacy* li kienu intenzjonati għal persuni oħra peress li dawn il-pillolli kienu ser jagħddu f′idejn terżi persuni bi ftehim mal-akkużati sabiex is-sustanza illegali in kwistjoni (l- *Ecstacy*) tiġi traffikata għal skopijiet ta′ lukru. Filfatt minn informazzjoni li rċevew l-pulizija wara l-arresti tal-ko-akkużati relattivi, din id-droga kienet effettivament ser tiġi ttraffikata ftit tal-ħin wara mill-akkużati li kienu miftehmin ilkoll f′dan is-sens bejniethom. Fortunatament l-uffiċjali tal-Korp tal-Iskwadra ta′ Kontra d-Droga interċettaw lill-akkużati fil-mument opportun fejn sussegwentment ġie kkonfermat li din il-mediċina psikotropika u llegali kienet intiza għall-iskop imsemmi apparti li ġiet ikkonfermata bħala s-sustanza *Ecstacy* (MDMA) meqjusa bħala mediċina psikotropika, kkontrollata u llegali f′pajjizna.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x′Jaqsmu Magħha (Kap. 31) u mir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (L.S.31.18) li tawtoriżża lill-akkużati sabiex ifornu, jimportaw, jesportaw, jimmanifatturaw jew jipprokuraw id-droga perikoluża msemmija.

Illi b′għemilhom, l-imsemmija Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana saru ħatja talli fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga *Ecstacy* kontenenti s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine* (MDMA) lil xi persuna jew għal xi persuna, f′dawn il-Gżejjer jew x′imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenza mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kienu awtoriżżati bir-Regoli ta′ l-1985 għall-Kontroll tal-Mediċini jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika li jfornu l-mediċina/droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta′ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa skond il-liġi skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x′Jaqsmu Magħha (Kap. 31), u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort′oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw jew jipprokuraw l-istess mediċina perikoluża/droga u b′dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta′ mitt metru mill-perimetru ta′ skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża l-imsemmija Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana, talli fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga *Ecstasy* (MDMA) lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenza mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kienu awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1985 għall-Kontroll tal-Mediċini jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika li jfornu l-mediċina/droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa skond il-liġi skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), u mingħajr ma kellhom liċenza jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw jew jipprokuraw l-istess mediċina perikoluża/droga u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ; jitlob li jingħamel skond il-liġi **(i)** kontra l-imsemmija ko-akkużati (a) Matthew Zarb, (b) Franklin Orsini, (c) Mark Anthony Bartolo u (d) Duncan Caruana u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni *proviso* ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), kif ukoll r-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 (L.S.31.18) konċernanti r-Regolamenti dwar il-Kontrolli tal-Mediċini u fl-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; kif ukoll u peress li kien għadu minorrenni fiż-żmien il-kummissjoni tar-reat **(ii)** jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-ko-akkużat (e) Mason Nehls u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' mhux iktar minn tletin sena (30) u mhux inqas minn tmien snin (8) u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni *proviso* ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) kif ukoll r-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 (L.S.31.18) konċernanti r-Regolamenti dwar il-Kontrolli tal-Mediċini u l-Avviż Legali 183/1989, u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 31(1)(a), 37 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi ko-akkużat.

U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9

tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

3. Illi dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel, minħabba l-fatt li l-boroż kontenenti s-sustanza illegali u perikoluża in kwistjoni kienu indubjament fil-Kia Avella fejn kien hemm xi uħud mill-ko-akkużati speċifikatament taħt saqajn Matthew Zarb u Franklin Orsini u minħabba l-fatt li s-sustanza suspetuża li nstabet ġo fihom irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet tikkonsisti mid-droga *Ecstacy* (MDMA) u cioe` mediċina psikotropika u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-ko-akkużati Matthew Zarb u Franklin Orsini kienu fil-pussess fisiku u xjenti ta' sustanza psikotropika pprojbita skond il-Liġi. Din is-sustanza psikotropika u illegali perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tagħhom, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata flimkien mal-ko-akkuzati l-oħra. In oltre l-ammont tad-droga li nstabet fl-ammont ta' elf pillolla (1000) bil-valur ta' madwar disat elef u sitt mitt Euro (€9600) bħala valur kumplessiv, huwa ammont konsiderevoli li ċertament ma tindikax skop għall-użu personali. Anki f'dan il-każ, l-ko-akkużati Matthew Zarb u Franklin Orsini ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenza maħruġa mill-Liġi li tippermettilhom ikollhom fil-pussess tagħhom din il-mediċina psikotropika u ristretta skond il-liġi.

Illi l-pillolli tal- *Ecstacy* magħrufa wkoll bħala MDMA (*methylenedioxymethanphetamine*) huma droga perikoluża u kkontrollata taħt id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha.

Illi b'għemilhom il-ko-akkużati Matthew Zarb u Franklin Orsini saru ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga *Ecstacy* (MDMA) meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond il-Liġi relattiva (Kapitolu 31), u meta ma kienux bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw, ifornu jew li jkollhom il-pussess ta' din il-mediċina psikotropika/droga msemmija, b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ

u b'dan ukoll li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tagħhom**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija ko-akkużati Matthew Zarb u Franklin Orsini, ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom d-droga *Ecstacy* (MDMA) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw, ifornu jew li jkollhom il-pussess tal-mediċina psikotropika/droga msemmija, b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u b'dan ukoll illi r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom**; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(1), (2A)(2B), 120A(1)(f)(2)(a)(1), it-tieni *proviso* ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 5(1)(2), 10(2) tal-Avviz Legali 22/85, Avviżi Legali 183/99 u fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

4. Illi meta l-ko-akkużati ġew arrestati in segwitu għall-investigazzjonijiet mertu tal-ewwel Kapi ta' din l-att tal-akkuża, u ċioe` fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010), waqt tfittxijiet li saru kemm fuq il-persuna tal-akkużati kif ukoll fir-residenzi tagħhom rriżulta li Franklin Orsini instab fil-pussess ta' sustanza kannella fil-but tiegħu ssuspettata li kienet raża tal-pjanta Cannabis filwaqt li instabu traċċi ta' din l-istess sustanza lleċita fir-residenzi ta' Mark Anthony Bartolo u Mason Nehls. In oltre waqt li l-akkużati lkoll

ġew mitkellma wara l-arrest tagħhom mill-Pulizija Eżekuttiva u skond il-liġi l-akkużati kollha, inkluz allura Duncan Caruana u Matthew Zarb ammettew li huma ġieli għamlu uzu personali mir-raża tal-Cannabis u fejn din effettivament instabet, l-ko-akkużati relattivi kkonfermaw li dik is-sustanza kienet tagħħhom. Wara li s-sustanza misjuba ġiet analizzata effettivament ġie kkonfermat li din kienet filfatt ir-raża tal-pjanta tal-Cannabis li hija kkunsidrata bħala mediċina perikoluża skond l-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101).

Illi r-raża mill-pjanta tal-Cannabis hija ikkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-ko-akkużati kollha ma' kellhom l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikunu fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana saru ħatja talli, fit-18 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra u fl-aħħar erba' xhur qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer kellhom fil-pussess tagħhom, ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana, ħatja talli, fit-18 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra u fl-aħħar erba' xhur qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer, kellhom fil-pussess tagħhom (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jitlob li jingħamel skond il-liġi (i) kontra l-imsemmija ko-akkużati Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo u Duncan Caruana illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux inqas minn tnax-il xahar (12) iżda mhux iżjed minn għaxar snin (10) kull wieħed u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) kull wieħed, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-kapitolu 101, u fl-artikoli 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; kif ukoll u peress li kien għadu minorrenni fiż-żmien il-kummissjoni tar-reat **(ii)** jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-ko-akkużat (e) Mason Nehls u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' mhux anqas minn ħames xhur (5) u mhux iżjed minn disa' (9) snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-Kapitolu 101, u fl-artikoli 23, 31, 37 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

5. Illi waqt l-istess tfittxijiet li saru fir-residenzi tal-akkużati kif indikat fir-raba Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u dan fid-dawl tal-investigazzjonijiet u l-arresti li rriżultaw mill-investigazzjonijiet li seħħew fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel, wieħed mill-ko-akkużati senjatament Mark Anthony Bartolo instab ukoll fil-pussess tal-pjanta tal-Cannabis li hija sustanza regolata mill-liġijiet tagħna u meqjusa bħala droga perikoluża. Effettivament il-ko-akkużat Bartolo ammetta li din is-sustanza tappartjeni lilu u kwindi kienet għandu bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kapitolu 101) tal-Liġijiet ta' Malta. Effettivament saret l-analizi ta' din is-sustanza li wkoll ġiet ikkonfermata bħala pjanta tal-Cannabis mill-analista maħtur mill-Qorti ai fini ta' dawn l-investigazzjonijiet.

Illi l-pjanta cannabis hija ikkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-ko-akkużat Mark Anthony Bartolo ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'għemilu l-imsemmi ko-akkużat Mark Anthony Bartolo sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi ko-akkużat Mark Anthony Bartolo, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn

Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta′ mhux aktar minn għaxar snin (10) priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar u multa ta′ mhux anqas minn erba′ mija sitta u sittin Euro (€466) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u tlett mitt Euro (€23,300), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-kapitolu 101, u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista′ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta′ l-imsemmi akkużat.

**6.** Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta′ din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` nhar it-tmintax (18) ta′ Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010), waqt li l-akkużati kienu qedgħin jiġu mitkellma skond il-liġi wara li ġew arrestati, l-ko-akkużat Matthew Zarb ammetta li fi żmien l-aħħar xhur qabel l-arrest in kwistjoni, hu kien ġieli għamel użu personali mill-pillolli *Ecstacy* u dan fuq iktar minn okkazzjoni waħda. Kif indikat f′kapi precedenti l- *Ecstacy* hija kkunsidrata bħala mediċina psikotropika u kkontrollata f′pajjizna li titqies illegali jekk ma jkunx hemm il-liċenzji u/jew l-awtorizazzjonijiet meħtieġa mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika ai termini tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x′jaqsmu magħha (Kap 31) kif ukoll ir-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini (A.L. 22/1985).

Illi l-ko-akkużat Matthew Zarb ma kienx fil-pussess ta′ awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettih ikollu fil-pussess tiegħu din il-mediċina psikotropika u ristretta skond il-liġi.

Illi l-pillolli tal-*Ecstacy* hija droga perikoluża u kkontrollata taħt id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x′Jaqsmu Magħha.

Illi b′għemilu il-ko-akkużat Matthew Zarb sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga *Ecstacy* meta ma kienux fil-pussess ta′ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond il-Liġi relattiva (Kapitolu 31), u meta ma kienx bil-liċenza jew xort′oħra awtoriżżat li jimmanifattura, iforni jew li jkollu l-pussess ta′ din il-mediċina psikotropika/droga msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija ko-akkużat Matthew Zarb, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga *Ecstacy* meta ma kienx fil-pussess ta′ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond il-Liġi relattiva (Kapitolu 31), u meta ma kienx bil-liċenza jew xort′ oħra

awtorizżat li jimmanifattura, iforni jew li jkollu il-pussess ta' din il-mediċina psikotropika/droga msemmija; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' ta' mhux aktar minn għaxar snin (10) priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar (12) u multa ta' mhux anqas minn erba' mija ħamsa u sittin Euro punt sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf mitejn tlieta u desgħin Euro punt tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(ii) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 5(1)(2), 10 tal-Avviz Legali 22/85 u 183/99 u fl-artikoli 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

7. Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) ġewwa Ħal-Tarxien, fil-mument li l-ko-akkużati ġew interċettati mill-Pulizija u meta effettivament avviċinaw lill-ko-akkużati sabiex jaffetwaw l-arrest leġittimu fil-konfront tal-istess waqt li kienu għadhom fil-vetturi Kia Avella KAK321 u Toyota Starlet HAT224, il-ko-akkużat Duncan Caruana li kien posizzjonat fis-*seat* tax-xufier tal-vettura Kia Avella rriversja l-vettura misjuqa minnu bil-għan li jweġġa lill-pulizija li kienu qed javviċinawħ kif ukoll sabiex jittanta li jaħrab minn fuq il-post u jevadi l-arrest. Fost il-pulzija li kienu qedgħin joqorbu lejħ kien hemm WPC23 Geraldine Buttigieg u WPC127 Carmen Gauci li fortunatament innutaw bil-manuvra tal-ko-akkużat Duncan Caruana u evitaw li jintlaqtu. Li kieku huma ma ndunawx b'din il-manuvra Duncan Caruana kien ittajarhom bil-vettura Kia Avella misjuqa minnu dak il-ħin u setgħu subew ġrieħi ta' natura gravi.

Illi b'għemilhu l-imsemmi ko-akkużat Duncan Caruana sar ħati talli, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt senjatament li jikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq membri tal-korp tal-pulizija waqt illi kienu fil-qadi ta'dmirijiethom u filwaqt li kienu qed jeżegwixxu il-Liġi jew ordni mogħtija skond il-Liġi minn awtorita` kompetenti, liema delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-imsemmi Duncan Caruana.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi ko-akkużat Duncan Caruana, ħati talli bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt senjatament li jikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq membri tal-korp tal-pulizija waqt illi kienu fil-qadi ta'dmirijiethom u filwaqt li kienu qed jeżegwixxu il-Liġi jew ordni mogħtija skond il-Liġi minn awtorita` kompetenti, liema delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-imsemmi Duncan Caruana; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn tlett xhur (3) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

8. Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u partikolarment b'referenża għall-fatti indikati fl-ewwel u fis-seba' kapi, u ċioe` nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) ġewwa Ħal-Tarxien, filwaqt li l-ko-akkuzat Duncan Caruana għamel tentattiv biex jikkaġuna ġrieħi gravi fil-konfront tal-pulizija li kienu qedgħin jeżegwixxu l-arresti tal-ko-akkuzati f'dawn il-proċeduri u senjatament meta saq lura b'dan l-iskop kif ukoll bl-intendiment li jaħrab u jevadi l-arrest, hu laqat vettura tal-għamla Hyundai Getz bin-numru DBK213, li hija vettura tal-kiri li hija reġistrata fuq isem Sergio Camilleri għan-nom ta' Topcar Services Limited u li kienet mikrija lill-pulizija ta' Malta u li f'dak il-ħin kienet qed tintuża minn xi uħud tal-membri tal-korp tal-pulizija li kienu fuq il-post u li kienu qed jeżegwixxu l-arrest fuq il-ko-akkużati fosthom Duncan Caruana. Fil-fatt il-ħsarat inkorsi u li ġew ikkaġunati mill-ko-akkkużat Duncan Caruana meta saq b'lura bil-vettura Kia Avella ġew stmati għal tmien mija tnejn u għoxrin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€822.67) u ċioe` ammont li jeċċedi mija u sittax –il Euro u sebgħa u erbgħin ċentezmu iżda li ma jeżorbitax l-elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu.

Illi b'għemilu l-imsemmi ko-akkużat Duncan Caruana sar ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament il-vettura Hyundai Getz bin-numru DBK213 karrozza mikrija mill-Korp tal-Pulizija u reġistrata fuq Sergio Camilleri għan-nom u ta' Topcar Services Limited, liema ħsara ammontanti għal tmien mija tnejn u għoxrin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€822.67) ma jiskorrix elf mija u

erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax -il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi ko-akkużat Duncan Caruana, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament il-vettura Hyundai Getz bin-numru DBK213 karrozza mikrija mill-Korp tal-Pulizija u reġistrata fuq Sergio Camilleri għan-nom u ta' Topcar Services Limited, liema ħsara ammontanti għal tmien mija tnejn u għoxrin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€822.67) ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax -il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Franklin Orsini prezentata fil- 25 ta' Lulju, 2013 li biha eccepixxa :

1. Illi l-atti huma nulli u dan ghaliex mill- atti ma jirrizultax li r-rinviji mibghuta mill-avukat generali gew moqrija qabel kull seduta fil-bidu taghha u ghalhekk b' hekk il-Qorti fil-vesti taghha ta' Istruttorja ma kinetx qed issegwi l-proedura rikjesta.

F'dan ir-rigward jigi rilevat li l-akkuzati tressqu l-Qorti nhar il- 21 ta' Dicembru 2010 (fol. 2) u dan taht arrest u dakinhar kienet saret il-prezentata. Minn ezami tal-atti li gew mghoddija lill- esponenti ma jirrizultax li fl-atti hemm inserit il-verbal tal-Qorti ta' dak il-jum tal-20 ta' Dicembru 2010.

Fl-atti a fol. 65 jidher li hemm l-ewwel verbal datat 4 ta' Jannar 2010 meta l- atti kienu gew rinvjati ghand l-Avukat Generali riappuntabbli ghad-9 ta' Frar 2011 (fol. 67).

Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2011 (fol. 219) li hija l-ewwel seduta li inzammet wara li l-atti kienu ntbaghtu lill-ufficcju tal-Avukat Generali ma hemmx indikat li effettiavment ir-rinviju tal-Avukat Generali kien gie moqri ghalkemm jidher il dan kien intbaghat lil Qorti fil-31 ta' Jannar 2011 (fol. 204). Dakinhar il- kawza kienet giet differita ghall-15 ta' Frar 2011. Dakinhar l-atti gew rinvjati ghand l-Avukat Generali (vide verbal a fol. 274 u rinviju a fol. 304) bl-intendiment li l-kawza terga' tigi appuntata ghal nhar l-24 ta' Marzu 2011.

Jidher li fl- 4 ta' Marzu 2011 l-Avukat Generali baghat rinviju datat 4 ta' Marzu 2011 (fol. 311) u dan gie nserit fl-atti pero' ma jidhirx il dan gie moqri la minn ezami ta' dan id-dokument setss u lanqas mill-verbal tal-Qorti datat 24 ta' Marzu 2011 (fol. 328) u skont il-ligi r-rinviji ghandhom jigu moqrija fl-Awla u dan sabiex it- talbiet tal-avukat generali jigu ndirizzati kif misthoqq. L-esponenti ifakkar lil din il-Qorti li l-funzjoni ta' Qorti Istruttorja hija wahda li tikkompila l-atti sabiex dawn jigu preservati ghal Qorti Kriminali w ghalhekk huwa rikjest li l-atti jigu kompilati tajjeb.

Skont il-verbal datat 24 ta' Marzu 2011 lanqas ma jidher li l-Qorti awtorizzat l-prezentati tad-dokumenti li hemm inseriti qaebl dan l-istess verbal u gahlhekk dawn gew inseriti minghajr permess tal-Qorti u konsegwentement ghandhom jigu sfilzati.

Dakinhar tal- 24 ta' Marzu 2011 l-atti gew rinvjati ghand l-Avukat Generali u l-kaz kellu jerga' jigi appuntat ghall-4 ta' Mejju 2011. Ir-rinviju tal-Avukat Generali huwa datat 18 ta' April 2011 (fol. 339). Fis-seduta li nzammet wara dan ir-rinviju u cioe' fl- 4 ta' Mejju 2011 ma hemmx indikat li effettivament ir-rinviju tal-Avukat Generali gie moqri u nfatti dak li gie mitlub mill- Avukat Generali kif previst fil-fol. 339 ma sarx u ghalhekk zgur li gie skartat. Din id-darba il-kawza giet differita ghat-18 ta' Mejju 2011. Fit- 18 ta' Mejju (fol. 349) il-Qorti regghet ma qratx ir-rinviju tal-Avukat Generali u baghtet l-atti lura lil Avukat Generali sabiex il-kaz jerga' jigi appuntat ghat- 28 ta' Gunju 2011.

Fl-1 ta' Gunju, 2011 l-Avukat Generali baghat ir-rinviju tieghu (fol. 351) b' numru kbir ta' rekwiziti pero' dan ir-rinviju wkol ma jidhirx li gie moqri la hemm indikat hekk fuqu u lanqas ma jirrizulta minn ezami tal-verbal ta' wara datat 28 ta' Gunju 2011 (fol. 533). Dan hu kollu irregolari. L-atti regghu gew rinvjati ghand l-Avukat Generali (a fol. 361) bil-kaz riappuntabbli ghal nhar l-4 ta' Awwissu 2011.

Fl-atti ma hemm l-ebda verbal tal-4 ta' Awwissu 2011 minkejja li l-avukat generali kien baghat ir-rinviju tieghu tas-26 ta' Lulju 2011 (fol. 371) jidher biss li hemm inserit fl-atti l-

formola tar-rinviju tal-Qorti datata 4 ta' Awwissu 2011 (fol. 394) u b'hekk ma jirrizultax li l-imputati gew imsejha jidhru l-Qorti kif tenut skont it-terminu moghti mill-ligi. Ma jidhirx li fil-fatt il-kaz gie moghti xi differiment ghal meta kellu jerga' jinsetma' gahlkemm fl-atti a fol. 408 hemm verbal datat 28 ta' Settembru 2011 fejn dehru l-imputati w ghalhekk zgur li wara t-terminu moghti u l-kawza giet differita ghat-30 ta' Settembru, 2011. Jidher li ghalhekk f'dan ir-rinviju t-terminu previst mill-ligi ma giex segwit u l- Avukat Generali messu talab fir-rinviju li jmiss ir-rinviju tal-hamest ijiem ghaliex l-atti kienu monki dan pero' ma sarx.

Il-verbal tal-Qorti tat-30 ta' Settembru wkoll ma jinsabx inserit fl-atti ghalkemm jidher li dakinhar inzammet seduta ghaliex hemm xhieda li xehdu u tali xhieda tinsab fl-atti a fol. 421 et seq. Hemm biss il-formola tar-rinviju tal-Qorti a fol. 424 datat 30 ta' Settembru 2011 fejn hemm indikat li dan ir-rinviju qed isir a bazi tar-rinviju tal-Avukat Generali tat-30 ta' Awwissu 2011 (fol. 395) pero' ghal darba ohra ma hemm l-ebda referenza li dan ir- rinviju gie moqri fil-Qorti.

Fl-atti a fol. 428 hemm talba li saret mill-Avukat Generali fit-3 ta' Novembru 2011 fejn talab estensjoni taz-zmien moghti lilu ghal prezentata tal-Att tal-Akkuza. Din giet akkordata nhar l-4 ta' Novembru 2011 u l-Avukat Generali ghalhekk inghata estensjoni sabiex jirregola ruhu minn dakinhar.

Gara pero' li fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011 ma sar xejn fis-seduta u din giet differita ghal ghada 2 ta' Dicembru 2011 meta dakinhar ma hemm l-ebda referenza ghal liema rinviju kellu jinqara w in oltre l-kaz gie mibghut ghand l-Avukat Generali riappuntat ghal 11 ta' Jannar 2012. Hawnhekk ghal darba ohra l-Avukat Generali rega' talab estensjoni tat-terminu moghti lilu nhar il- 5 ta' Jannar 2012. Jidher li dan gie akkordat fis-6 ta' Jannar 2012.

Fir-rinviju tal-Avukat Generali td-19 ta' Jannar 2012 a fol. 467 ma hemm l-ebda referenza li dan gie moqri fl-Awla u lanqas tal-1 ta' Frar 2012 ma hemm indikat li dan ir-rinviju gie moqri. Dakinhar il-kawza giet differita ghall-15 ta' Frar 2012. Dakinhar ma nstema' l-ebda xhud u l-atti gew rinvjati ghand l-Avukat Generali bir-riappuntament ghad- 29 ta' Marzu 2012.

L-Avukat Generali baghat ir-rinviju tieghu nhar l-14 ta' Marzu 2012 u ghal darba ohra ma hemmx indikat li dan gie moqri fl-Awla la hemm indikazzjoni fuqu stess (vide fol. 499) u lanqas fil-verbal tal-Qorti tat-23 ta' Marzu 2012 (fol. 505). Il-kawza giet differita ghat-3 ta' April 2012 u wara l-atti rinvjati ghand l-Avukat Generali riappuntabbli ghall-15 ta' Mejju 2012. Ma hemm l-ebda referenza ghar-rinviju li dan gie moqri.

Dwar ir-rinviju tat-2 ta′ Mejju ghalkemm ma jirrizultax li dan gie moqri seduta stante hemm indikat fuqu li gie moqri (fol. 324 u 325). Ghalhekk il-Magistrat hasset il-htiega li f′ certu okkazjonijiet tikteb li taqrah u f′ okkazjonijiet ohra ma tghid xejn. Dakinhar il-kawza giet differita ghad-29 ta′ Mejju 2012.

L-Avukat Generali baghat ir-rinviju tieghu fit- 8 ta′ Gunju 2012 liema rinviju gie moqri skont dak mitlub mill-magistrat ghalkemm dan il- fatt ma giex registrat fil-verbal tad-19 ta′ Gunju 2012 u lanqas fil-jum tat- 3 ta′ Lulju 2012 ghal liema data l-kawza kienet giet differita.

Ir-rinviju l-iehor tal-Avukat Generali huwa datat 20 ta′ Lulju 2012 (fol. 566) pero′ ghal darb ohra ma jirrizulta li dan gie moqri la hemm indikazzjoni fuqu u lanqas fil-verbal sussegwenti u cioe′ ta′ nhar it-3 ta′ Awwissu 2012 (fol. 569). Dakinhar il-kawza giet differita ghas-17 ta′ Awwissu 2012 u in segwitu l-atti gew mibghuta lura lil Avukat Generali. Fl-ebda verbal ma hemm indikazzjoni li dan gie moqri.

Ir-rinviju l-iehor tal-Avukat Generali huwa datat 13 ta′ Settembru 2012 (fol. 577) pero′ ghal darb ohra ma jirrizulta li dan gie moqri la hemm indikazzjoni fuqu u lanqas fil-verbal sussegwenti u cioe′ ta′ nhar is-26 ta′ Settembru 2012 (fol. 574). Dakinhar il-kawza giet mibghuta lura lil Avukat Generali riappuntabbli ghas-6 ta′ Novembru 2012. Fl- ebda verbal ma hemm indikazzjoni li dan gie moqri.

Ir-rinviju l-iehor tal-Avukat Generali huwa datat 17 ta′ Ottubru 2012 (fol. 581) pero′ dan jirrizulta li x′ aktarx gie moqri ghax hekk hemm miktub mill-Magistrat ghalkemm dan l- att ma giex registrat fil-verbal sussegwenti u cioe′ ta′ nhar is-6 ta′ Novembru 2012 (fol. 582). Dakinhar il-kawza giet mibghuta lura lil Avukat Generali riappuntabbli ghall-20 ta′ Dicembru 2012. Fl-ebda verbal ma hemm indikazzjoni li dan gie moqri.

Illi dan kollu jikkonderma li r-rinviju tal-Avukat Generali mhux dejjem jigi moqri u tali fatt jibqa′ ghaddej sa l-ahhar tal-proceduri u dan zgur li huwa difett fil-forma u cioe′ fil-kumpilazzjoni tal-atti istruttorji li jwasslu ghan-nullita′ tal-atti kumpilatorji;

2. Id-Difiza titlob l-isfilz tal-istatements tal-imputat Franklin Orsini datat 19 ta′ Dicembru 2010 esebiti fl-atti rispettivament u dan fuq il-premess li d-dritt tieghu ta′ smiegh xieraq gie lez meta rrilaxxja tali stqarrijiet peress li huwa ma nghatax il-fakolta′ li jigi assistit minn avukat tax-xelta tieghu. Dan jirrizulta kemm minn qari tal-istqarrija tieghu kif ukoll

mix-xhieda li huwa stess ta quddiem il-Qorti tal-Magistrati nhar it- 13 ta' Novembru 2012 (fol. 589). Kemm fl-istatement tieghu kif ukoll meta xehed quddiem il- Magistrat ta' l-Ghassa sabiex jikkonferma l-istatement tieghu ma hemm referenza ghal din l-assistenza legali. U la darba it-tehid ta' din l-istqarrija, tledi d-drittijiet fundamentali ta' l-akkuzat u ghalhekk ebda parti minnha ma ghandha tigi riprodotta f'dan l-istadju. Dan qed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet ta' l-Bniedem, u senjatament b' referenza ghall- kaz fl- ismijiet **Salduz vs Turkey, Plonka vs Polonja,** u **Panavotis vs Grecja,** fejn il-Qorti Ewropeja kkristalizzat il-principju illi d-dritt sancit illi persuna tkun assistita mill- konsulent legali taghha, ghandha tinghata nterpretazzjoni wiesa', tant li tinkludi d-dritt illi persuna tkun hekk assistita sa mill-bidu tal-proceduri, inkluz waqt il-kors ta' l-investigazzjoni mil-Pulizija. Inoltre, issir referenza wkoll ghas-sentenzi fl-ismijiet (konfermati fis-sede ta' Appell) **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** (Kawza numru 20/2009), **Il-Pulizija vs Erson Pullicino** (Kawza Numru : 63/2009) u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi**, fejn il-Qrati taghna kristallizzaw l-istess principju, filwqt illi sahqu illi l- fatt illi persuna tirrilaxxja stqarrija, minghajr ma tinghata l-fakulta' illi tikkonsulta ma' avukat qabel taghmel dan, iledi d-dritt tal-istess ghal smiegh xieraq stante li johloq zbilanc bejn id-drittijiet tal-persuna investigata u l-prosekuzzjoni.

Dan il-hsieb huwa wkoll konformi ta' dak li gie deciz ricentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri** deciza fit- 12 ta' Novembru 2012 li kkonfermat is-sentenza li nghatat fis-16 ta' Jannar 2012, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fejn dik il-Qorti fil-kaz ta' **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri** il huwa akkuzat b' reati simili ghal dawn moghtija fil-konfront ta' l-imputat odjern.

Il-Prosekuzzjoni wara li xehed l-akkuzat Franklin Orsini ressqet lil ispettur Johann Fenech jixhed u dan stqarr li effettivament kien ta l- ghazla lill-akkuzat sabiex ikollu assistenza legali u fil- fatt huwa esebixxa d-dikjarazzjoni ta' rifjut li huwa datat 19 ta' Dicembru 2010 fol. 596. Issa minn ezami ta' <u>dan id-dokument jidher li r-rifjut gie ffirmat wara il kien irrilaxxja l-istqarrija tieghu</u> u dan ghaliex filwaqt li hwua rrilaxxja l-istqarrija tieghu fis-7.30AM u r-rifjut gie ffirmat minnu fid-9.50PM, aktar minn tnax –il siegha wara. Fil- fatt meta l-ispettur gie mistoqsi jekk verament Orsini xtaqt ikellem lil Dr Joseph Giglio jghid li ma jiftakarx. Ghalhekk ma hemmx dubju li tali xhieda ta' l-ispettur issahhah it-tezi tad-Difiza li l-istatement tieghu ttiehed b' mod irregolari w ghalhekk id-Difiza tinsisti li dan jigi sfilzat.

3. Id-Difiza titlob l-isfilz tar-rapport ta' Mario Mifsud u ċioe' dawk li ġew redatti in segwitu tad-digriet tal-4 ta' Jannar 2011 u dan għaliex ma jirriżultax x' tip ta' inkarigu huwa ngħata. Jingħata li 516/10/01. Issa fid-digriet mogħti nhar l-4 ta' Jannar, 2011 ma jinghadx liema dokumenti ulterjuri ghandu jezamina u in oltre x'inhu l-inkarigu li kien qed jingħata.

4. Id-Difiza qed titlob ukoll l-isfilz ta' r-rapport ta' Dr Stephen Farrugia Sacco, u dan ghaliex ghalkemm il-ligi fl-artikolu 650(2) ta' l-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta tehtieg li jigi

nominat espert bil-hila u teknika u fil- fatt ma jirrizultax li din il-persuna ghandha xi speċjalizzazzjoni fit-telekomunikazzjoni u fil-fatt kif jghid hu stess li huwa ħadem fuq id-dokumenti li gew mghotija lilu minn rapprezentant tal-Vodafone. Ma jirrizultax li tali xhud kienet awtorizzata minn xi pulizija jew Qorti sabiex is-socjeta' tat telekomunikazzjoni tirrilaxxja tali dokumentazzjoni u dan sar b' abbuz u ghalhekk dan l-allegat espert hadem fuq dokumentazzjoni li giet moghtija lilu b'mod irregolari.

5. Id-Difiża ssostni wkoll li kuntrarjament għal dak li ġie mitlub fl-Istruttorja fejn l-imputat kellu ordni ta' friżar fuqu din ma ntalbitx fl-Att tal-Akkuża u ġaladarba ħarġet l-Att ta' l-Akkuża bla talba simili l-Avukat Generali ma jistax jitlobha issa u għalhekk għandu jkun hemm ordni għat-tneħħija tagħha l-każ jinqata' b'mod definittiv. Illi kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza fis-7 ta' Dicembru 2001 in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skont is-**subartikolu (3) tal-Artikolu 370**, ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali u għalhekk tapplika r-regola, desunta mill-**Artikolu 597(1)** tal-Kodici Kriminali, li ma kellu jsir xejn fl-Att tal-Akkuża kontra l-akkużat li jagħmel iżjed gravi reat.

**L-Ewwel Eċċezzjoni – Meta ma jinqrawx ir-rinviji.**

Il-Qorti segwiet ir-referenzi kollha mogħtija mill-akkużat fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Huwa tassew li xi drabi ma jirriżultax li nqara r-rinviju (per eżempju a fol 219, 228, 339, 472, 494,506, 523) Kien hemm drabi meta kien moqri kif jidher mill-kelma 'Moqri' miktuba fuq ir-rinviju stess fit-2 ta' Mejju 2012, fit-8 ta' Ġunju, 2012. Ġieli r-rinviju ma nqarax għax ma sar xejn fis-seduta (ara 17 t'Awwissu 2012) jew minħabba theddida ta' bomba (fol 349) jew għax ma deher ħadd (20 ta' Lulju, 2012 fol 564 u 569). Kultant, għalkemm ma nqarax ir-rinviju, jidher li l-Maġistrat immarkat il-paragrafi tar-rinviju fejn ikun instema' xi xhud partikolari.
U kien hemm seduta fejn kien hemm xhud wieħed biss (fol 339).

L-akkużat jiddeskrivi n-nuqqas ta' qari tar-rinviji bħala xi ħaġa rregolari u li jġib in-nullita' tal-proċeduri.

Iżda l-Kap 9 imkien ma jikkontempla din it-tip ta' nullita'. L-artikolu 405 jgħid hekk:

'405(1) Il-qorti, wara li tibgħat l-atti biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u qabel ma jiġi ppreżentat l-att tal-akkuża, b'talba bil-miktub tal-Avukat Ġenerali, għandha tagħmel mistoqsijiet oħra lix-xhieda li jkunu ġa nstemgħu jew tisma' xhieda ġodda.

(2) L-Avukat Ġenerali għandu, għal dan l-iskop, jibgħat lill-qorti l-atti tal-kompilazzjoni flimkien mat-talba tiegħu bil-miktub, u fiha għandu jfisser fuqhiex għandu jsir l-eżami jew l-eżami mill-ġdid tax-xhieda.'

La f'dawn is-subinċiżi u lanqas fit-tlieta l-oħra li jinsabu f'dan l-artikolu m'hemm provdut li r-rinviju għandu jinqara. Li għandu jsir u li l-Qorti tal-Maġistrati għandha tagħmel huwa li tisma' lix-xhieda li jkunu indikati fir-rinviju kif ukoll tinkludi xi dokument jew relazzjoni li xi xhud ikun ippreżenta.

Għalhekk ukoll jekk jirriżulta li mhux dejjem huwa indikat fl-atti li r-rinviju nqara, dan ma jġib ebda nullita' għaliex id-dmir tal-Qorti tal-Maġistrati mhux li taqra (bħalma huwa meta jintbagħtu l-artikolu mill-Avukat Ġenerali).

Barra minn dan, jgħodd ukoll l-artikolu 597(4) tal-Kap 9:

'(4) L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kumpilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dak id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att tal-akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat;'

Ebda waħda mill-erba' raġunijiet mogħtija hawn fuq ma saret referenza għaliha f'din l-ewwel eċċezzjoni.

Għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi preċedenti din il-Qorti mhix qed tilqa' din il-parti tal-ewwel eċċezzjoni.

Iżda din l-eċċezzjoni tirreferi wkoll għal xi nuqqas ta' osservazzjoni ta' terminu. Il-Qorti għalhekk eżaminat is-seduta indikata mill-akkużat u minn dan l-eżami nstab li l-Qorti tal-Maġistrati mxiet mat-terminu.

Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' din il-parti tal-ewwel eċċezzjoni.

L-akkużat jissottometti wkoll li persuni ppeżentaw dokumenti mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Huwa jirreferi b'mod partikolari għal dak li sar fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2011.

Il-Qorti eżaminat x'seħħ matul din is-seduta. Jirriżulta li min xehed ippreżenta xi dokumenti wkoll.

Mhux kull darba li jixhed xhud ikun jinħtieġ xi awtorizzazzjoni mill-Qorti speċjalment jekk dan ix-xhud huwa maħtur minnha bħala espert jew jekk ikun hekk maħtur matul l-inkjesta. Ma jirriżultax mill-atti li kien hemm xi kontestazzjonijiet meta kienu ppreżentati dawn id-dokumenti.

Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' din il-parti tal-ewwel eċċezzjoni.

**Għar-raġunijiet kollha mogħtija aktar 'il fuq, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni fl-intier tagħha.**

**It-Tieni Eċċezzjoni – Talba għall-isfliż tal-istqarrijiet magħmula mill-akkużat.**

Dwar din l-eċċezzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ 'Stephen Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' deċiża fit-8 t'Ottubru 2012 kif ukoll għal deċiżjonijiet oħra mogħtija mill-istess Qorti fuq l-istess suġġett.

Iżda din il-Qorti diġa' tat id-deċiżjoni tagħha dwar dan il-punt meta l-akkużat talab li ssir referenza Kostituzzjonali dwaru. (Ara digriet tal-25 ta' Settembru 2013 a fol 83 et tal-proċess).

Mill-atti jirriżulta li l-akkużat kien irrifjuta l-assistenza legali. Filfatt fil-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr Consuelo Scerri Herrera l-ewwel sentenza tal-istess proces verbal tirrifletti dan il-fatt. Fl-istqarrija mehmuża mal-proċess verbal, it-tieni mistoqsija hija propju dwar dan: jekk l-assistenza legali kenitx offruta lill-akkużat u jekk hu kienx irrifjutaha. Fir-risposta tiegħu l-akkużat kkonferma li l-Pulizija kienet offriet l-għajnuna legali u huwa ma kienx ried it-tali għajnuna. Fil-proces verbal – u hawn l-akkużat kien qed jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat u mhux fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija – ma hemm ebda sinjal ta' protesta mill-akkużat dwar xi nuqqas ta' għajnuna legali. Anzi kien hemm konferma bil-ġurament ta' dan kollu.

A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti qed tirreferi għad-digriet hawn fuq imsemmi (paragrafi 5 sa 9).

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-akkużat.

**It-Tielet Eċċezzjoni – It-talba għall-Isfilz tar-rapport ta' Mario Mifsud.**

Fil-fehma tal-Qorti, kull ħatra tas-sur Mario Mifsud hija marbuta mal-analiżi ta'sustanza suspettuża li jkun hemm suspett li hija droga. Dan l-espert ilu jaħdem f'dan il-qasam għal ħafna snin u baqa' jistudja fi grad ta' dottorat. Ma jirriżultax lid an l-espert xi darba inħatar biex jirraporta dwar xi ħaġa totalment differenti minn sustanza li fuqha hemm suspett.

Isegwi għalhekk li m'hemmx dubju għala nħatar l-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel ir-relazzjoni li tagħmel parti mill-proċess ta' llum. U din l-osservazzjoni tgħodd għal kwalunkwe relazzjoni ulterjuri li ntalab jagħmel dan l-espert.

**Għaldaqstant, il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandu jkun sfilzat ir-rapport ta' dan l-espert. Konsegwentement mhix tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-akkużat.**

**Ir-raba' eċċezzjoni – il-ħatra ta' Dr Stephen Farrugia Sacco bħala espert**

Din il-persuna ħatret diversi drabi sabiex teżamina xogħol li għandu x'jaqsam mat-telekomunikazzjoni. Dan l-espert ippreżenta r-relazzjonijiet tiegħu u ttella' jixhed ukoll fil-ġurijiet.

Din il-Qorti m'għandha ebda raġuni biex tiddubita mill-ħila ta' dan l-espert f'dan il-qasam.

Dwar li l-espert ħadem fuq dokumentazzjoni li ngħatat lilu 'b'mod irregolari', din il-Qorti qed tqis li meta espert jinħatar sabiex jagħmel rapport li għandu x'jaqsam mat-telekomunikazzjoni, huwa għandu jitqies li awtomatikament għandu s-setgħa li jitlob tali dokumentazzjoni. Jekk ikun hemm xi dubju dwar jekk jistax jagħmel dan, min jagħti s-servizz għandu d-dritt jitlob konferma 'ad hoc'. Mill-bqija din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandu jinħatar espert għal dan l-inkarigu partikolari jekk dan l-espert ma jistax ikollu aċċess għad-dokumentazzjoni relevanti. Jekk wieħed jiġbed konklużjoni differenti, allura l-ħatra ta' tali espert tkun saret għalxejn.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-akkużat.**

**Il-ħames eċċezzjoni L-Ordni tal-Iffriżar**

L-akkużat jissottometti li ma kienx hemm ordni tal-iffriżar kontra tiegħu fiċ-ċitazzjoni li bdiet dawn il-proċeduri. Għalhekk issa m'għandux jiffaċċja tali ordni għaliex l-Att tal-Akkuża m'għandux 'jagħmel reat iżjed gravi' (fol 38)

Il-Qorti eżaminat l-atti tal-proċess u jirriżulta li a fol 4 tal-proċess kienet diġa' saret talba għall-iffriżar tal-assi min-naħa tal-Prosekuzzjoni.

A fol 39, fil-verbal tal-20 ta' Diċembru 2010, il-Qorti tat digriet li bih, wara li kien qablu l-partijiet kollha, ħatret lil Dr Joseph Mifsud biex jissekwestra b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta mobbli jew immobbli tal-akkużati. Il-Qorti iddikjarat ukoll li l-akkużati kienu pprojbiti milli jittrasferixxu jew jiddisponu minn xi propjeta' mobbli jew immobbli.

Għaldaqstant ma jirriżultax li l-Att tal-Akkuża qed jagħmel 'ir-reat iżjed gravi' meta permezz tal-Att tal-Akkuża  qed tintalab il-konfiska tal-propjeta'.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-akkużat.**

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużat u, sakemm jinstema' xi appell min tali sentenza, tħalli s-smigħ tal-ġuri sine die.  F'każ li ma jsir ebda appell, tappunta jum għas-smigħ tal-ġuri.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------